**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA**

**Isem:** ______________________ **TOTAL** ____ / **100**

**Klassi:** _________________

**A. Agħmel sinjal taħt it-tajba. L-ewwel waħda lesta, bħala eżempju. (5 x 2 = 10 marki)**

**1.** Fl-Antik Testment naqraw li Alla bagħat lil Mosè għand ( David, **il-Fargħun**, ħuh, Pietru ) biex jeħles lill-poplu tiegħu mill-Eġittu.
2. Il-Bibbja nsejħulha ( n-nifs, l-kelma, l-ħolqien, x-xbiha ) ta' Alla.
3. Dawk li kitbu l-Bibbja kellhom l-għajnuna speċjali ( ta' l-Ispirtu s-Santu, tal-Papa, ta' l-Appostli, tal-Knisja ).
4. Il-Bibbja nsejħulha wkoll ( il-Missal, l-Iskrittura, l-Evanġelju, il-Ktieb il-Kbir ).
5. Ġesù ta s-setgħa li jfissru t-tagħlim tal-Bibbja ( lill-Appostli, lix-xjenzjati, lill-istudjużi, lill-kittieba ).
6. Fil-Bibbja nsibu ( tagħlim tax-xjenza, l-istorja tad-dinja, stejjer sbieħ, il-messaġġ ta' Alla ).

**B. Imla l-vojt b'dan il-kliem. L-ewwel waħda lesta, bħala eżempju. (10 x 1 = 10 marki)**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| missierhom | jisma' | bid-dnub | ninġabru | il-bżonnijiet | jogħġob |
| l-ħallieq | nfaħħru | **nitkellmu** | nirringrazzjaw | l-oħrajn | |



**1.** Fit-talb, **nitkellmu** ma' Alla.
2. Lil Alla nkellmuh bħala s-sid u _______________ tagħna li jħobbna.
3. Qabel nibdew nitolbu, irridu ________________ biex naħsbu f'dak li nkunu se ngħidu.
4. Lil Alla nkellmuh bħalma l-ulied ikellmu lil ____________________ .
5. Fit-talb, aħna _________________ lil Alla għaliex Hu kbir, qaddis u qawwi.
6. Fit-talb nitolbu maħfra lil Alla għaliex kemm-il darba nqasnieh ______________ .
7. Fit-talb __________________ lil Alla għaliex hu tana ħafna grazzji u għajnuna.
8. Fit-talb nitkellmu ma' Alla dwar _______________ tagħna u tal-proxxmu.
9. Biex it-talb tagħna jkun _______________ lil Alla, irridu nagħmlu dak li jrid Alla minna.
10. Ġesù jrid li nitolbu mhux biss weħidna, imma wkoll ma'_______________ .
11. Ġesù qalilna li Alla dejjem _____________________ t-talb tagħna.

**(5 x 2 = 10 marki)**

**Ċ. Il-kmandamenti u l-imħabba jgħinuna ngħixu ħajja tajba. Għid x' għandek tagħmel int bħala nisrani/ja meta jiġri dan. L-ewwel waħda lesta, bħala eżempju.**

**1.** Ommok kienet qiegħda ssajjar l-għaġin u ma servihiex, waqt li int kont qiegħed tilgħab.

**__Nieqaf mil-logħob u mmur nixtrilha aktar għaġin.__**

2. Il-ħabib tiegħek nesa jġib il-ħobż miegħu l-iskola.

_______________________________________________

3. Marija kienet ilha ma tiġi ħafna l-iskola għax l-għalliema qaltilna li kienet kisret sieqha.

_______________________________________________

4. Joseph beda jibki għax ma laħaqx jikkopja l-*homework* minn fuq il-*whiteboard*.

_______________________________________________

5. Sibt kaxxa tal-lapsijiet ta' l-iskola u kont taf ta' min hi.

_______________________________________________

6. Rajt lil Mario f'rokna waħdu waqt il-brejk ta' l-iskola.

_______________________________________________

**D. Jien min jien? L-ewwel waħda lesta, bħala eżempju.** **(10 x 1 = 10 marki)**

**1.** Jien waqqaft is-Soċjetà tal-MUSEUM. **San Ġorġ Preca**

2. Alla kellimni minn xitla taqbad. ____________

3. Jien ma ridtx li l-Lhud jitilqu mill-Eġittu. ____________

4. Jien dlikt lil David bħala s-sultan tal-Lhud. ____________

5. Jien kont sultan tal-Lhud qabel David. ____________

6. Meta kont tifel urejt il-kurċifiss lil żewġt itfal biex jieqfu jiġġieldu. ____________

7. Jien minn Assisi u kont inħobb ħafna 'l-annimali. ____________

8. Jien qsamt il-mantell tiegħi ma' wieħed fqir. ____________

9. Ħabbart it-twelid ta' Ġesù lil Marija. ____________

10. Jien omm Ġesù. ____________

11. Jien kont għammidt lil Ġesù bl-ilma fix-xmara Ġordan. ____________

**E. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fi kliemek. (5 x 2 = 10 marki)**



1 a. Meta rċevejt l-Ispirtu s-Santu għall-ewwel darba?

________________________________________________________

b. X' għamel fik l-Ispirtu s-Santu dakinhar?

________________________________________________________

2. Meta Ġesù bagħat lill-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli?

________________________________________________________

3. Għid kif l-Appostli kienu jwasslu lill-Ispirtu s-Santu.

________________________________________________________

4. Kompli din it-talba:

L-anġlu t'Alla ħabbar lil Marija, ________________________________________

**F. Qabbel dawn is-sentenzi mill-Bibbja, bħalma għandek fl-eżempju. (5 x 2 = 10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Kull min jagħti bis-sejf | A | għax huma jsibu ħniena. |
| 2. | Ħenjin il-foqra f'qalbhom | B | hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin. |
| 3. | Bħalma ħabbejtkom jien | Ċ | u għammar fostna. |
| 4. | Jiena l-qaddejja tal-Mulej | D | u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek. |
| 5. | L-Iben ta' Alla sar bniedem | **E** | bis-sejf jinqered. |
| 6. | Imbierka inti fost in-nisa | F | isir minni skond kelmtek. |

| **1.** | **2.** | **3.** | **4.** | **5.** | **6.** |
|---|---|---|---|---|---|
| **E** | | | | | |

**Ġ. Kompli dawn is-sentenzi. L-ewwel waħda lesta bħala eżempju. (5 x 2 = 10 marki)**

**1.** Aħna għandna nwasslu lil Ġesù lill-oħrajn billi **naghtu eżempju tajjeb lill-oħrajn** .

2. Aħna nistgħu nagħtu sehemna fil-parroċa billi ______________________________ .

3. Aħna għandna naqraw il-Bibbja għaliex __________________________________ .

4. Nistgħu nużaw sewwa l-flus li jkollna billi ______________________________ .

5. Mill-istejjer tal-Bibbja li studjajt din is-sena, tgħallimt li Alla hu ________________

________________________________________________________ .

6. Meta ninduna li nkun għamilt dnub ____________________________________ .

**G. Ikteb fil-kaxxa tal-ġenb.** **(10 x 1 = 10 marki)**



1. Semmi wieħed mis-sagramenti. ________________
2. Semmi sultan tal-Lhud mill-Bibbja. ________________
3. Semmi wieħed mill-profeti. ________________
4. Semmi qaddis jew qaddisa li miet/mietet martri. ________________
5. Semmi qaddis jew qaddisa mhux martri. ________________
6. Semmi ktieb mill-Bibbja li fih innijiet ta' talb lil Alla. ________________
7. Semmi wieħed mill-Appostli. ________________
8. Għid għal min hi ddedikata l-parroċċa tiegħek. ________________
9. Semmi qaddis li kien iħobb ħafna n-natura. ________________
10. Semmi tifel jew tifla li, għalkemm mietu meta kienu tfal, saru qaddisin. ________________

**(6 x 3 = 18-il marka)**

**GĦ. Ikteb żewġ sentenzi fuq kull qaddis t'hawn taħt biex turi kif kien iħobb lil Alla.**

a. San Martin

1. ____________________________________________

2. ____________________________________________

b. San Ġorġ Preca

1. ____________________________________________

2. ____________________________________________

ċ. San Pawl

1. ____________________________________________

2. ____________________________________________

**Ħ. Ikteb talba ta' ringrazzjament lil Ġesù.** **(2 marki)**

____________________________________________

____________________________________________

